NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 9 - IT-TNEJN, 14 TA' MARZU 2011**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Ġew proposti u approvati emendi kif ġej:

1.2. Para. 7.5 – jinbidel il-ħin *fl-10am* ma' *fid-9am.*

1.3. Para. 12.1 - mill-aħħar linja titneħħa l-kelma *Kunsillieri* u minflok tiddaħħal il-kelma *membri.*

1.4. Para. 14.3 - titneħħa l-ewwel kelma *Il-Kunsillier* u minflok tiddaħħal il-kelma *Is-Sur.*

1.5. Il-minuti imbagħad ġew approvati kif emendati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.6. Il-Kumitat iddiskuta dwar para. 2.1 fejn kien hemm qbil li għalissa m'għandiex issir it-tabella.

1.7. Dwar para. 2.2 is-Sinj. Cuomo infurmat li kien għadu ma tfaċċa ħadd, kif kien imwiegħed, mis-sezzjoni li jieħdu ħsieb il-widien.

**2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li dwar it-talba biex ikunu installati bozoz ħdejn l-ambaxxati kienet ikkomunikat mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said minħabba li l-Kumitat Amministrattiv ma' kellux il-finanzjament meħtieġ biex jagħmel il-bozoz li hemm bżonn u li dawn suppost li kienu saru ħafna qabel. Huwa talabha stima filwaqt li s-SE informa li kien diġà talab stima lill-Inġinier.

2.2. Meta l-Kumitat iddiskuta dwar meta jista' jibda' x-xogħol fuq Triq l-Iżbark tal-Franċiżi s-SE talab lill-Kumitat jikkonsidra li hemm art fil-kantuniera li qed tisporġi fit-triq u li teknikament il-Kumitat ma jistax jaqbad u jieħu parti għat-triq. Infatti semma każ li kien qiegħed jiżvolġi f'dawk il-ġranet dwar xi ħaġa simili li ġrat fl-2002 fi Triq J H Newman. L-informazzjoni li kellu kienet li, peress li ma kienx hemm il-

bini, l-art ma setgħetx tittieħed. Il-Kumitat akkwista xi numri tat-telefon ta' wieħed mill-propjetarji u sar kuntatt miegħu dak il-ħin stess. Dan huwa Albert magħruf bħala l-*Wheeler* li informa li huwa ma kienx isib oġġezzjoni iżda kien hemm kawża l-qorti dwar ta' min hi eżatt il-propjetà u infatti rrakkomanda li jkun ikkuntattjat s-Sur Paolo Bonnici, li miegħu kien hemm il-kawża. Saru aktar kuntatt biex inkiseb ukoll in-numru tas-Sur Bonnici li però ma kienx possibli li jsir kuntatt miegħu dak il-ħin. Is-SE se jieħu ħsieb jikkuntattja lis-Sur Bonnici l-għada.

2.3. Il-Kumitat tkellem ukoll dwar il-laqgħa li kienet saret fit-3 ta' Marzu 2011 mas-Sindku u l-iżviluppaturi li kellhom xi ħsibijiet dwar il-*caravan site.* Kien irrappurtat però li dawn l-iżviluppaturi ma taw l-ebda ħjiel ta' x'għandhom f'moħħhom. Is-Sinj. Cuomo stqarret li kienet semgħet li dak is-sit kien se jsir *caravan site* u li hemm xi ħadd li se jagħmel *feasibility study*.

## 3. L-ORGANIZZAZZJONI TAL-KORSIJIET

3.1. Iċ-Chairperson infurmat li l-andament tal-korsijiet kien sejjer tajjeb. Kien hemm qbil ukoll li għandhom isiru l-korsijiet tal-ECDL. Infurmat ukoll li l-kors taż-*Zumba* kien imtela' filwaqt li *pilates* u *aerobics* ukoll sejrin tajjeb.

## 4. IL-*CARAVAN SITE* U L-*CAMP SITE* TAL-ISCOUTS

4.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet bagħtet komunikazzjoni lill-Onor Jason Azzopardi dwar xogħlijiet li kienu għaddejin fil-*caravan site* u li kienet se tibgħat *reminder* minħabba li ma kienet irċeviet xejn.

4.2. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sur Angelito Sciberras mill-Uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli miż-Żgħażagħ u Sport dwar il-problema tal-*camp site* tal-iscouts. Il-Viċi Sindku kien se jieħu ħsieb jikkordina l-appuntament.

## 5. L-UŻU TAĊ-ĊENTRU PASTORALI

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Komunità tal-Patrijiet kienu qed jippreparaw id-dettalji meħtieġa. Appena jipprovdu d-dettalji jkun jista' jiġi fformulat il-ftehim.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MAR-RESIDENTI PERMEZZ TA' ĊIRKULARIJIET

6.1. Il-Kumitat qabel li għandu jibda jqassam ċirkularijiet lir-residenti regolari biex iżomm kuntatt regolari mar-residenti.

6.2. Kien hemm qbil ukoll li possibilment għandha ssir paġna fuq *Facebook* ħalli jinżamm aktar kuntatt.

## 7. ILMENTI

7.1. Ilment bir-riferenza 20610087133602: Qbil li jsir sinjal isfar quddiem id-drive-in.

7.2. Ilment bir-riferenza 44/0358/09: Ma kienx hemm hemm qbil li Triq il-Kampanjol issir f'direzzjoni unika.

7.3. Ilment bir-riferenza 20610075123366: Ma kienx hemm qbil li jsir ix-xogħol mitlub għaliex il-Kumitat jidhirlu li dak ma jaqax fir-responsabbiltà tiegħu.

7.4. Ilment bir-riferenza 20610094124166: it-talba kienet milquha u infatti kienet diġà saret it-talba lil TM. Kien mitlub biex issir *follow up* ma' TM.

7.5. Kien irrappurtat li d-dwal ta' Triq A M Caruana kienu daru.

7.6. Kien irrappurtat ukoll li t-tabelli ta' Triq ir-Ridott kienu llaxkaw u qed iduru.

7.7. Il-Kumitat talab li jingħata informazzjoni dwar il-krejn fi Triq Xatt il-Palm speċjalment għaliex ma kienx qed ikun imdawwal biżżejjed.

7.8. Kien irrappurtat ukoll li kien hemm *scammel* li qed jgħaddi kontra d-direzzjoni tat-traffiku u anki jwaqqa' materjal.

7.9. Is-SE kien mitlub jakkwista informazzjoni mingħand Green MT dwar l-użu tal-iskips.

**8. TMIEM IL-LAQGĦA**

8.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' April fil-5:30pm.

8.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv